

Brussell, 24 ta' April 2025  
(OR. en)

8086/25

EDUC 112  
SOC 223  
DIGIT 63  
EMPL 143

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Ir-rwol tal-Unjoni tal-Fliliet fit-tisħiħ taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett ta' hawn fuq, bil-ħsieb għad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fit-12 ta' Mejju 2025.

## **Ir-rwol tal-Unjoni tal-Ħiliet fit-tisħiħ taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni**

L-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet jinsabu fil-qalba tal-aġenda ekonomika u soċjali tal-Unjoni Ewropea. Sabiex issaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa u r-reżiljenza ekonomika u demokratika tagħha, u biex tippovdi opportunitajiet indaqs għal kulħadd biex jaċċessa l-edukazzjoni, it-tagħlim tul il-ħajja u impjegi ta' kwalità tajba, il-Kummissjoni Ewropea introduċiet l-Unjoni tal-Ħiliet, inizjattiva strateġika li għandha l-għan li ttejjeb l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja.

Fil-viżjoni tal-Kummissjoni, l-Unjoni tal-Ħiliet tfassal l-edukazzjoni u l-ħiliet bħala għodda ta' politika strateġika sħiħa u olistika għall-kompetittività ekonomika u l-istabbiltà tal-UE.

L-Unjoni tal-Ħiliet tintroduċi żewġ inizjattivi ewlenin relatati mal-edukazzjoni:

- Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħiliet Bażiċi, li jiffoka fuq it-titjib tal-ħiliet bażiċi fil-litteriżmu, il-matematika u x-xjenza, kif ukoll il-ħiliet diġitali u taċ-ċittadinanza;
- Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM, li jfittex li jagħti spinta lill-profiċjenza u l-karrieri fil-qasam tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM).

L-Unjoni tal-Ħiliet tiffoka fuq erba' fergħat biex tiżgura li kulħadd ikollu l-opportunità li jibni pedamenti sodi tal-ħiliet u jinvolvi ruħu fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja għal ħajja sodisfaċenti. L-erba' fergħat huma:

- il-bini tal-ħiliet għal ħajja u impjegi ta' kwalità permezz ta' pedament edukattiv b'saħħtu, b'inizjattivi li jsaħħu u javvanzaw l-edukazzjoni u l-ħiliet permezz taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (EEA), fosthom inizjattivi ġodda bħall-Iskema ta' Appoġġ għall-Ħiliet Bażiċi;
- it-titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid ta' forza tax-xoġhol aġli għat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika, fosthom miżuri li jappoġġaw it-tagħlim tul il-ħajja u t-titjib tal-ħiliet permezz ta' mekkaniżmi bħall-Proġett Pilota tal-Garanzija tal-Ħiliet;
- iċ-ċirkolazzjoni tal-ħiliet madwar l-UE bil-ħsieb tal-kompetittività, fosthom miżuri li jiffaċilitaw il-mobbiltà tal-forza tax-xoġhol billi jissimplifikaw ir-rikonoxximent tal-kwalifiki permezz tal-Inizjattiva dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet;
- l-attrazzjoni, l-iżvilupp u ż-żamma tat-talent għall-futur tal-Ewropa permezz ta' miżuri bħall-Azzjoni ta' Marie Skłodowska-Curie "MSCA Choose Europe".

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tipproponi wkoll għadd ta' miri ġodda li għandhom jintlaħqu sal-2030:

- is-sehem ta' progress insuffiċjenti fil-ħiliet tal-litteriżmu, tal-matematika, tax-xjenza u dawk diġitali għandu jkun inqas minn 15 %, filwaqt li s-sehem tal-ogħla prestazzjoni fil-litteriżmu, fil-matematika u fix-xjenza għandu jkun tal-inqas 15 %;
- is-sehem tal-istudenti rreġistrati fl-oqsma STEM fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) inizjali ta' livell medju għandu jkun tal-inqas 45 %, b'tal-inqas mara waħda minn kull erba' studenti;

- is-sehem tal-istudenti rreġistrati fl-oqsma STEM fil-livell terzjarju għandu jkun tal-inqas 32 %, b'tal-inqas żewġ nisa minn kull ħames studenti;
- is-sehem tal-istudenti rreġistrati fi programmi ta' PhD tal-ICT<sup>1</sup> għandu jkun tal-inqas 5 %, b'tal-inqas mara waħda minn kull tliet studenti;
- l-għadd annwali ta' studenti minn barra l-UE li jiġu biex jistudjaw u jkubsu lawrja fil-livell terzjarju fl-UE għandu jkun tal-inqas 350 000.

Qed jiġi propost qafas ta' governanza ġdid (kif stabbilit fl-anness) — inkluż Bord ta' Livell Għoli Ewropew dwar il-Ħiliet u Osservatorju Ewropew tal-Infommazzjoni dwar il-Ħiliet — biex jiġu żgurati t-tfassil tal-politika u l-implimentazzjoni tal-politika bbażati fuq l-evidenza. Kemm il-Bord kif ukoll l-Osservatorju ser jappoġġaw il-ħidma tal-Kummissjoni lejn Rakkomandazzjoni ġdida tal-UE-27 dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet, u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew.

L-Unjoni tal-Ħiliet tfassal l-edukazzjoni u l-ħiliet bħala għodda strateġika għall-kompetittività ekonomika. Filwaqt li l-inizjattiva tirrikonoxxi l-isfidi ewlenin — bħat-tnaqqis fil-ħiliet bażiċi, in-nuqqas ta' għalliema, u l-ħtieġa għal ħiliet diġitali u ekoloġiċi — hija tqis fil-biċċa l-kbira l-edukazzjoni u t-taħriġ mill-lenti tas-suq tax-xogħol, filwaqt li tiffoka inqas fuq il-valuri edukattivi usa' bħall-iżvilupp personali u l-ħsieb kritiku.

Madankollu, il-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ, stabbilit fl-2021 bl-objettiv ġenerali li tinbena ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, jibqa' qafas ewlieni biex jiġi żgurat approċċ olistiku għall-edukazzjoni u t-taħriġ fil-kuntesti kollha u fil-livelli kollha — li jvarja mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal sat-tagħlim għall-adulti, inkluż il-VET u l-edukazzjoni għolja. Jindirizza ħames prijoritajiet strateġiċi, li bosta minnhom jallinjaw mal-objettivi tal-Unjoni tal-Ħiliet, u għandu s-sett tiegħu stess ta' miri ambizzjużi fil-livell tal-UE li ġew maqbula mill-Istati Membri li ħamsa minnhom li jidhru hawn isfel għandhom jintlaħqu sal-2030 — l-istess perjodu ta' żmien bħall-miri l-ġodda proposti skont l-Unjoni tal-Ħiliet:

---

<sup>1</sup> Teknoloġiji tal-infommazzjoni u tal-komunikazzjoni.

- **Persuni ta' 15-il sena b'kisbiet baxxi fil-ħiliet bażiċi**

Sal-2030, is-sehem ta' persuni ta' 15-il sena b'kisbiet baxxi fil-qari, il-matematika u x-xjenza għandu jkun inqas minn 15 %.

- **Studenti tat-tmien grad b'kisbiet baxxi fil-ħiliet diġitali**

Is-sehem ta' studenti tat-tmien grad b'kisbiet baxxi fil-litteriżmu tal-kompjuter u tal-informazzjoni għandu jkun inqas minn 15 %, sal-2030.

- **Parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal**

Sal-2030, mill-inqas 96 % tat-tfal bejn l-età ta' 3 snin u l-età meta t-tfal jibdedw l-edukazzjoni primarja obbligatorja għandhom jipparteċipaw fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal.

- **Persuni li jitolqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ**

Is-sehem ta' persuni li jitolqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għandu jkun inqas minn 9 %, sal-2030.

- **Kisba fil-livell terzjarju**

Is-sehem ta' persuni ta' bejn il-25 u l-34 sena li kisbu edukazzjoni terzjarja għandu jkun mill-inqas 45 %, sal-2030.

L-inizjattivi tal-Unjoni tal-Ħiliet u taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni jikkondividu diversi sinerġiji u għanijiet komuni, bħat-tishiġ tal-ħiliet, it-tagħlim tul il-ħajja u l-mobbiltà. Madankollu, hemm bżonn li jiġi żgurat li l-approċċ tal-Unjoni tal-Ħiliet li jiffoka fuq is-suq tax-xogħol ma jmurx kontra l-oġettiv usa' taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, li jsegwi l-prinċipju bażiku li jkopri s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ b'mod ġenerali, f'perspettiva inklużiva, olistika u ta' tagħlim tul il-ħajja u bl-għan li jiġi żgurat li dawn is-sistemi jikkontribwixxu għas-sodisfazzjon personali, soċjali u professjonali taċ-ċittadini kollha u jippromwovu l-valuri demokratiċi, l-ugwaljanza, il-koeżjoni soċjali, iċ-ċittadinanza attiva u d-djalogu interkulturali.

Il-ħiliet huma l-pedament ta' ekonomija b'saħħitha u kompetittiva, għalhekk is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom jgħammru liċ-ċittadini b'ħiliet ta' kwalità għolja b'mod inklużiv. Dawn il-ħiliet għandhom jibdeu minn ħiliet bażiċi, li huma fattur determinanti ewlieni tat-twettiq tal-personalità u l-iżvilupp personali, l-impjegabbiltà, l-inklużjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva. Il-ħiliet bażiċi tal-litteriżmu u n-numeriżmu huma kruċjali, iżda mhumiex biżżejjed biex jippermettu lill-individwi jlaħħqu ma' ambjent soċjoekonomiku li qed jevolvi malajr u dawk il-ħiliet iridu jiġu kkomplementati minn ħsieb kritiku, kreattività u involviment ċiviku.

Minħabba dawn l-isforzi paralleli u l-qafas stabbilit sew taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, li għandu l-għerq tiegħu fil-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri permezz tal-appoġġ mill-Kummissjoni Ewropea, u sabiex jiġu massimizzati l-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi u l-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-Unjoni tal-Ħiliet tista' sservi biex issaħħaħ u tirrinforza iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni billi tindirizza l-isfidi emerġenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ, u biex tiżgura l-użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli billi tipprevjeni kwalunkwe duplikazzjoni u piż amministrattiv addizzjonali.

Biex jinkiseb dan, il-ministri għall-edukazzjoni u l-partijiet ikkonċernati ewlenin iridu jkunu involuti b'mod attiv fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Ħiliet, sabiex jiġi żgurat l-allinjament mal-politiki u l-prijoritajiet nazzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll deċiżjonijiet sinifikanti u infurmati aħjar dwar ir-riformi u l-investimenti li jikkonċernaw l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet. Approċċ li jkun ikkoordinat fil-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ u li jinvolvi s-setturi rilevanti kollha, bħall-impjegi, l-affarijiet soċjali, l-ekonomija u s-settur finanzjarju, jista' jimmassimizza l-effettività taż-żewġ oqfsa (iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-Unjoni tal-Ħiliet). Dan jissalvagwardja l-approċċ olistiku għall-edukazzjoni u t-taħriġ li ntlaħaq qbil dwaru fl-2021, filwaqt li jkompli jsaħħaħ l-iżvilupp tal-ħiliet.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u filwaqt li nżommu f'moħħna li resqin qrib il-ħidma li trid issir dwar ir-rieżami tal-qafas strateġiku, fosthom il-miri fil-livell tal-UE, l-istruttura ta' governanza, u l-metodi ta' ħidma, abbażi tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-ewwel ċiklu taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, il-Presidenza tistieden lill-ministri jindikaw kif jaħsbu li l-Unjoni tal-Ħiliet u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni jistgħu jikkomplementaw u jirrinforzaw lil xulxin biex irawmu sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ aktar inklużivi u li jibqgħu validi fil-futur madwar l-UE u biex jimmassimizzaw il-viżibbiltà u l-appoġġ politiku għall-avvanz tal-eżiti tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet fil-livell Ewropew.

Sabiex tmexxi d-dibattitu ta' orjentazzjoni, il-Presidenza tistieden lill-ministri jwieġbu għall-mistoqsijiet li ġejjin:

1. L-Unjoni tal-Ħiliet u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni kif jistgħu jikkomplementaw lil xulxin bl-aħjar mod biex niżguraw edukazzjoni u taħriġ inklużivi u ta' kwalità għolja għall-istudenti kollha, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni u l-piżijiet amministrattivi bla bżonn?
2. Wara l-ewwel ċiklu tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ, liema huma l-elementi ewlenin tal-Unjoni tal-Ħiliet li għandhom jiġu prijoritizzati sabiex jappoġġaw l-oġettivi taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni aktar milli jitbiegħdu minnha, u l-governanza kif tista' tiġi ssimplifikata biex tiżgura koerenza akbar u teħid tad-deċiżjonijiet aktar aġli u aktar rapidu?

---

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-governanza tal-Unjoni tal-Ħiliet

